IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

2 ta' Settembru 2016
71/2016

**ŻJARA TAL-ARĊISQOF F'LONDRA**

L-Arċisqof Charles J. Scicluna dalgħodu ħalla Malta għal żjara f'Londra, l-Ingilterra, li matulha ser jippresiedi ċelebrazzjoni liturġika fil-festa tal-Madonna tal-Vitorja fl-okkażjoni ta' Malta Day – UK, u jżur pazjenti Maltin rikoverati f'Londra.

Għada, is-Sibt 3 ta' Settembru, Monsinjur Arċisqof ser jiċċelebra Quddiesa f'*Westminster Cathedral*, bħala parti mill-attivitajiet organizzati mill-Kummissjoni Għolja ta' Malta f'Londra b'kollaborazzjoni mal-Għaqdiet tal-Maltin fir-Renju Unit. L-Arċisqof ser jiltaqa' wkoll mal-Maltin residenti l-Ingilterra, li ta' kull sena jiċċelebraw il-festa tal-Madonna tal-Vitorja.

Il-Ħadd u t-Tnejn, 4 u 5 ta' Settembru, Monsinjur Arċisqof ser iżur il-pazjenti Maltin fl-appartamenti ta' Puttinu Cares, u dawk rikoverati f'*Sutton Hospital* u *King's College Hospital.*

L-Arċisqof jasal lura Malta nhar it-Tlieta 6 ta' Settembru 2016.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**